**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 13

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 22 ta' April, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:15 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ħadd assenti b'aploġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 12

13.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tnax- il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

13.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

13.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tat-tnax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 13.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita Numru 01

13.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel Laqgħa tal-Lokalita għas-sena 2025. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

13.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

13.3.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita ġew approvati unanimament.

## 13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.4.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif id-double yellow line li kien henm fi Triq G.Cali tneħħa, skond d-direzzjoni li l-Kunsill kellu biex jaġixxi minn TM.

13.4.2 Is-Sur Dalli spjega kif l-amministrazzjoni għal darba oħra reġgħat għamlet kuntatt mal-AKL dwar it-talbiet tal-bus shelters u l-President ta' AKL u rrisponda li l-Kunsill jista ikellem lill-Kuntarttur dirett. Għalhekk il-Kunsill issa talab għal appuntament fil-qrib ma' dan il-kuntrattur.

13.4.3 Is-Sindku tkellem dwar l-appell ta' PA 0973/23 (*Proposal for a new , bulk LPG storage facility*) datat 27 ta' Marzu, fejn qal li ttieħdet deċiżjoni ġdida fuq dan l-appell u min irid jara id-digriet qed jiġi mehmuż mal-minuti tas-seduta tal-llum. Il-Proċess issa se jkompli skond kif mitlub waqt l-istess seduta.

13.4.4 Is-Sur Dalli ta update dwar it-talba li ġiet mingħand l-street Naming Committee biex jingħataw isem żewġ toroq fl-akwata ta' Ħalmann. Is-Sur Dalli qal li għamel aktar riċerka dwar x'isem jistgħu jingħataw u mid-dehra f'dawn l-inħawi kien hemm xi kappella iddedikatha lil San Bartimlew. Wara spjegazzjoni żgħira li ta s-Sindku kien hemm qbil biex waħda mit-toroq tingħata l-isem ' Triq il-Kappella ta' San Bartimlew' u l-oħra tingħata l-isem ' Triq il-Barumbara'.

13.4.5 Is-Sindku ta update dwar is-sentenza tal-każ tal-flooding li l-Kunsill għandu għaddejja flimkien mal-kuntrattur u l-Perit ta' dak iż-żmien. Huwa spjega kif il-Kunsill reġgħa kiteb lil Polidano Group fejn ġie nfurmat li ta' Polidano Group qed jistennew struzzjonijiet mill-Avukat tal-Kumpanija tagħhom dwar kif għandhom jipproċedu.

13.4.6 Is-Sindku tkellem dwar it-talba li kien għamel il-Kunsill mal-Enemalta biex fil-parti il-ġdida ta' Triq Carmelo Farrugia jiġi installat street lighting għax dawl m'hemmx. Enemalta fl-aħħar bgħatet lura u qalet li Enemalta ma tistax tagħmel bozoz għax dawn kellhom isiru qabel ma saret it-triq bit-tarmac u huma ma ġewx ikkonsultati. Is-Sur Dalli qal li dan mhux minnu għaliex qabel ma sar ix-xogħol is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmathom lil Enemalta u terzi entitajiet oħra bix-xogħlijiet tat-tarmac li riedu jsiru, dan biex sintendi ċertu servizzi jiġu mgħoddija qabel. Il-Komunikat sar fi Ġunju 2021 u għalhekk is-segretarju Eżekuttiv ser tinfurmahom li n-nuqqas ma kienx minn naħa tal-Kunsill u dak li qed jgħidu mhux minnu u jridu jaraw x'ser jagħmlu ħabba d-dawl għax din it-triq ma tistax tibqa fid-dlam.

13.4.7 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-ġbir tal-iskart miċ-ċimiterju. Huwa qal li kien hemm komunikat mill-Waste Manager tar-Reġjun fejn ta parir li l-waste mic-cimiterju ta' Ħal Lija jigi mwaqqaf minn Ġunju li ġej u jekk irid il-Kunsill iħallas għal dan is-servizz hu. Din qajmet reazzjoni qawwija minnu bħala Sindku u l-Amministrazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv, u tajjeb li ngħidu li hemm ċirkulari fejn tgħid li l-Kunsilli ma jistgħux jagħmlu spejjeż biex jinġabar l-iskart. Is-Sindku spjega kif fl-aħħar wara dan kollu sar qbil mar-Reġjun biex l-iskart taċ-ċimiterju għandu jinġabar darba fix-xahar ma l-Organic bi spiża għar-Reġjun. Dan il-ftehim sar wara konsultazzjoni mas-Sur Joseph Mangion li huwa l-kuratur taċ-ċimiterju.

13.4.8 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif dwar il-proposta tal-kunsill għall-installazzjoni ta' crash barriers li l-Kunsill applika u talab permess għalihom fit-tarf ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni, din il-proposta ġiet mgħoddija lil Dipartiment fi TM stess li jieħu ħsieb direttament it-toroq.

13.4.9 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kollha kif CCTV cameras fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv ġew installati u qed jaħdmu sew kif suppost.

## 13.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 13.6 Korrispondenza

13.6.1 Għal din is-seduta ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera dwar ir-rapport tal-korrispondenza.

## 13.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Ewwel Rapport ta' Kull kwart għal perjodu Jan-Mar 2025

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Marzu 2025. Kopja tar-rapport intbgħatet lil Kunsilliera kollha qabel is-seduta. L-*accountant* ma kienx preżenti biex jispjega dan ir-rapport u għalhekk l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Sindku.

13.7.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-rapport fejn qara l-figuri kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €94,902, nefqa totali ta' €75,045 u dan irriżulta fi surplus ta' €19,857. Is-Sindku kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu kienet ta' 81%. Il-cash balances tul dan il-perjodu kienu ta' €312,631.

13.7.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet addizzjonali li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

13.7.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Carl Betts li kien issekondantha mill-Kunsilliera Diane Abela Penza.

## 13.8 Preparazzjonijiet Għal Jum Ħal Lija 2025

13.8.1 Is-Sindku tkellem fejn spjega kif l-amministrazzjoni fil-jiem li ġejjien b'mod imminenti ser tkun qed toħroġ s-sejħa għall-applikazzjonijiet ta' nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħal Lija.

13.8.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif issa l-Kunsill irrid jibda jaħseb aktar fid-dettal u jiddeċiedi fejn ser issir din l-attivita.

13.8.3 Wara diskussjoni żgħira li saret bejn il-membri kollha tal-Kunsill diġà kien hemm ħsieb kollettiv biex Jum Ħal Lija jiġi iċċelebrat fuq firxa ta' attivitajiet għal ġimgħa sħiħa. Fost l-attivitajiet li jistgħu jsiru ssemmew; attività ftuħ tat-Torri Belvedere, jiġu sparati xi murtali, ħarġa għall-anzjani, forsi jsir BBQ, ssir xi attività oħra fil-ġnien tal-Ministeru fi Triq Sir Ugo Mifsud u xi attività għat-tfal ta' story telling mal-għaqda tal-literiżmu nazzjonali. Pero din xorta hija deċiżjoni li trid tiġi kkonfermatha aktar il-quddiem.

## 13.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

13.9.1 SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026
Peress li fl-aħħar seduta ma ttieħdietx deċiżjoni finali, is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026' li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jtella attivitajiet tal-Karnival. Hija fakret li din l-iskema tkopri attivitajiet bejn il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2026 u t-Tlieta 17 ta' Frar 2026. L-attivitajiet jridu jkunu miftuħa b'xejn għall-pubbliku. Il-Kunsill jista japplika għall-attivita waħda biss u din l-iskema tiffinanzja sa massimu ta' 5,000 EUR. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025.

13.9.2 Il-Kunsill baqa ma ddeċidiex biex jissottometti applikazzjoni.

13.9.3 SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
Peress li fl-aħħar seduta ma ttieħdietx deċiżjoni finali, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali' li b'permezz ta' din l-iskema proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali fil-komunita jiġu miżmuma fi stat tajjeb. Hija fakret li l-Kunsill jista japplika għal proġett wieħed biss li jrid jitlesta sat- 30 ta' April 2027. Din l-iskema tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' 30,000 EUR u l-Kunsill obbligat joħroġ 15% mal-ammont mogħti lilu. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025.

13.9.4 Il-Kunsill iddeċieda biex permezz ta' din l-iskema jissottometti applikazzjoni u japplika għal tined fuq il-play area u l-open air gym fil-ġnien Ċentru rikreattiv. Din hija xi ħaġa li ser tieħu ħsieba l-amministrazzjoni.

13.9.5 SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'
Peress li fl-aħħar seduta ma ttieħdietx deċiżjoni finali, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita' li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jagħmel proġett li jtejjeb aktar il-kwalita tal-ħajja tar-residenti. Hija fakret il-Kunsill jista japplika għal proġett wieħed biss u jrid ikun lest sat- 28 ta' Mejju 2027. Din l-iskema tiffinanzja 85% sa massimu ta' 100,000 EUR u l-Kunsill irrid joħroġ is-somma tiegħu ta' 15%. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025.

13.9.6 Il-Kunsill baqa ma ddeċidiex biex jissottometti applikazzjoni. Is-Sindku Anthony Dalli qal li huwa tal-parir li l-Kunsill jerġa japplika għal aktar fondi għal manutenzjoni tal-latrina fil-pjazza. Pero l-ewwel dwar il-latrina tal-pjazza ser jerġa jitkellem u jivverifika xi affarijiet mas-Sur Ramon Deguara tal-Cleansing Department.

13.9.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni biex tinxtara water dispenser għall-uffiċċju tal-Kunsill Lokali
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet biex tinxtara dispenser tal-ilma għall-uffiċċju u mhux jibqgħu jinxtraw aktar pakketti tal-ilma.

13.9.8 Il-Kunsill approva li tinxtara din id-dispenser.

13.9.10 Imejl street naming committee – Sqaq ta' Sejduna, Ħal Lija
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda l-imejl li kienet intbgħatet mingħand l-istreet naming committee dwar żewġ trejqiet fl-isqaq ta' Sejduna mingħajr isem, fejn il-Kunsill ġie mitlub biex jibgħat il-proposti tiegħu ħalli dawn jingħataw isem. Is-Sa Seguna qalet li reġgħu kkuntatjawha l-istreet Naming Committee u staqsiet lis-Sindku u l-Kunsilliera jekk ħasbux f'xi ismijiet u x'inhuma l-proposti tagħhom.

13.9.11 Kif diġà ġie diskuss fil-komunikazzjoni tas-Sindku, il-Kunsill iddeċieda li ż-żewġ ismijiet li ser jingħataw huma: 'Triq il-Kappella ta' San Bartimlew' u ' Triq il-Barumbara'.

## 13.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

13.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 04/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €132.01 għax-xahar ta' Marzu 2025.

13.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 04/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-

*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 13.11 Mozzjonijiet

13.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 13.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

13.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA 00557/25 – 33, Taurcap Lodge, Triq il-Maħlut, Lija;
PA 02305/25 – Triq il-Kbira, Triq Giuseppe Cali, Lija

13.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

13.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta mat-town planner u tiġi ppreparatha ittra ta' rappreżentazzjoni għal:
PA 00557/25 – 33, Taurcap Lodge, Triq il-Maħlut, Lija;
PA 02305/25 – Triq il-Kbira, Triq Giuseppe Cali, Lija

## 13.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

13.13.2 Is-Sindku qal li fis-7 ta' Mejju 2025, ser tkun qed tiġi organizzata Ħarġa għal Għawdex għal-Jum l-Omm kif ġieli sar fis-snin ta' qabel.

13.13.3 Is-Sur Dalli flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil Kunsilliera kollha kif il-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Kuntrattur tal-Ġonna fejn dan kiteb li ser jittermina l-kuntratt li huwa għandu ta' ġardinar mal-Kunsill. L-aħħar data li huwa ser jaħdem hija sat- 30 ta' Ġunju 2025. Is-Sindku qal kif b'hekk ser ikollu jinħareġ tender ieħor ġdid u huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv filfatt qed jaħdmu fuq l-ispecifications u rekwiżiti ta' tender ġdid għaliex fl-opinjoni tagħhom hemm bżonn jinbidlu ċertu kundizzjonijiet bħal eżempju jitneħħa l-weeding minn Ħalmann u ta' Senna u dawk meta jkun hemm bżonn jsiru għalihom tibda tinġieb kwotazzjoni u li anke jrid jkun hemm kundizzjoni ċara li ċertu xogħol ta' żbir għandu jsir bl-idejn u mhux bil-mutur bħal konok tal-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Il-Kunsilliera ħadu nota.

13.13.4 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini qal li ż-żewġ ħarġiet li huwa riċenti organizza marru tajjeb ħafna u kellu feedback tajjeb min nies li attendew.

13.13.5 Il-Viċi Sindku staqsa lis-Sindku jekk ingħatax data mill-Kuntrattur dwar meta ser isir il-madum il-ġdid f'parti mill-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, il-biċċa fejn il-każin tal-labour. Is-Sindku wieġeb kif qed jistenna mingħand il-kuntrattur u kuljum kważi jċempillu biex ifittex jibda.

13.13.6 Il-Kap tal-Minoranza, is-Sa Farrugia Muscia, staqsiet jekk il-Kunsill semax xi ħaġa mingħand il-Ministeru dwar l-iskema li kellha toħroġ ta' sheltering għall-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ma waslet l-ebda korrispondenza dwar dan. Is-Sa Farrugia Muscia issa ser tibgħat id-dettalji ta' min kien avviċinaha mill-Ministeru biex issir follow up miegħu.

13.13.7 Is-Sa Farrugia Muscia reġgħat għal darb oħra staqsiet jekk il-Kunsill għandhux update dwar l-inizjattiva tal-community Garden li l-kunsill kien applika għaliha mal-AKL. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sissa m'hemmx updates ġodda u għal darb oħra ukoll ser jerġa jsir komunikat mal-AKL.

13.13.8 Is-Sa Abela Penza fakret lis-Sindku dwar siġra kbira mejta li hemm fi Triq Robert Mifsud Bonniċi fis-soft area. Is-Sindku wieġeb kif jaf biha din u anke l-amministrazzjoni. Filfatt intbgħatet email lil Ambjent Mlta għaliex hemm xi sezzjoni apposta li tagħti l-għajnuna biex tneħħi siġar mejta bħal din. Ser issir reminder filkas lil Ambjent Malta.

13.13.9 Is-Sa Abela Penza qalet li riċenti hija kkorrispondiet mal-Aġenzija tal-Litteriżmu Nazzjonali biex tara mhux possibbli jsiru attivitajiet ta' story telling għat-tfal u din l-aġenzija lesta li tikkollabora mal-Kunsill. Din l-aġenzija anke tat kotba ġodda lil Kunsill biex jekk għandu librerija jitpoġġew fiha. Is-Sindku qal kif il-Kunsill m'għandux librerija però forsi l-kunsill jista jikkomunika mal-persuna li kkonverta t-telephone box fi Triq il-Forn fi librerija żgħira biex ineħħi l-kotba l-antiki li hemm minnha u jitpoġġew xi ftit minn dawn il-kotba tal-aġenzija.

13.13.10 Il-Kunsilliera Abela Penza kompliet tgħid kif din l-aġenzija tista tagħti anke kotba lil kunsill b'xejn biex jingħataw bħala premji fl-attivitajiet u hija tkopri tfal minn year 3 sa form 2. Jistgħu jagħmlu anke attivitajiet ġo xi sit li jagħżel il-Kunsill, bħat-torri, jgħidilhom attivitajiet 'xalata ta' kitba', fejn l-aġenzija tagħmel booklet hi stess fuq is-sit magħżul u issir qisha write-up competition. Is-Sindku qal kif attività bħal din tista anke tidaħħal f'waħda mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Lija. Il-Kunsill għandu jaħseb fuqha din.

13.13.11 Hemm ukoll story telling sessions minn 4 sa 6 , u s-Sa Abela Penza qalet li filfatt l-aġenzija qed isaqsi jekk il-Kunsill jafx b'xi nies li jixtiequ jitħajru biex jaqraw l-istejjer għat-tfal u naturalment jitħallsu ta' dan ix-xogħol.

13.13.12 Il-Kunsillier Carl Betts qal kif il-laqgħa maż-żgħażagħ li kellha ssir saret. Wara staqsa lis-Sindku ukoll jekk il-Kunsill jistax jieħu azzjoni hu biex jitranġa il-culvert ta' Main str li qed iċċekċek peress li qisha IM ma solvitx din il-problema. Is-Sindku għamila ċara li l-Kunsill mhux ser imiss il-culvert li għamlet IM għaliex dak għadu bil-garanzija u IM trid tirranġah u ssib soluzzjoni sfortunatament.

13.13.13 Il-Ħin kien 6:39pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 20 ta' Mejju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |